**6 ta' April, 1987**

**Imħallef: -**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Anthony Formosa

*versus*

Henry Galea

## Appalt - Danni - Obbligu ta' Ħsieb Ħwejjeġ Terzi fil-Pussess ta' Persuna

*Fil-kuntest ta' kuntratt ta' Appalt, l-attur talab ir-restituzzjoni ta' armar u fin-nuqqas kundanna ta' danni.*

*Ġew miċħuda t-talbiet ta' l-attur, ġew miċħuda t-talbiet attriċi għaliex il-Qorti sabet illi jirriżulta li ġie ppruvat li l-konvenut naqas milli jieħu ħsieb ħwejjeġ l-attur.*

Il-Qorti: -

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-4 ta' Diċembru, 1980, li biha

Anthony Formosa wara li ppremetta illi huwa kien qed jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fil-villa tal-konvenut fi *plot* 4, *Home Ownership Scheme*, San Ġiljan;

Illi qamu diffikultajiet, u l-konvenut ħallas lill-attur tax-xogħol li kien sar, u l-ftehim ta' kostruzzjoni ġie xolt, b'dana però li billi kien ġà sar l-armar għas-soqfa, (liema armar huwa proprjetà ta' l-attur), dan l-armar kellu jitħalla fuq il-post biex ix-xogħol jitkompla minn ħaddieħor, u wara jiġi rrestitwit lill-attur, (Dokument 'A');

Illi din ir-restituzzjoni baqgħet ma saritx, minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluż uffiċjali, da parti ta' l-attur;

Talab li l-konvenut jiġi kkundannat biex, fiż-żmien qasir u perentorju li tagħtih il-Qorti, jirrestitwixxi lill-attur l-armar li dana affidalu kif jinstab elenkat fil-lista Dokument 'B', annessa maċ-ċitazzjoni, u fin-nuqqas jiġi kkundannat iħallas lill-attur il-valur tagħhom, li l-attur jistma erba' mitt lira Maltija;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-10 ta' April, 1980, kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fit-2 ta' Jannar, 1981, li fiha Henry Galea, fl-ewwel lok qal:

"(1) Illi ċ-ċitazzjoni hija rritwali għaliex għalkemm fiha tliet domandi l-ebda waħda m'hi numerata u għalhekk l-eċċipjent għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju jekk ma ssirx il-korrezzjoni opportuna;

(2) Illi, fil-mertu, il-konvenut m'għandu xejn f'idejh ta'

proprjetà ta' l-attur u d-domandi għandhom jiġu rriġettati bl-ispejjeż;

(3) Salvi eċċezzjonijiet oħra'';

u wara li ddikjara li kien qiegħed jipprevalixxi ruħu miċ-ċitazzjoni ta' l-attur *in via* rikonvenzjonali ppremetta:

''Illi fil-25 ta' Ottubru, 1978 hu ta appalt ta' kostruzzjoni lill-attur għall-bini ta' villa fuq *plot* 4, *Home Ownership Scheme,* San Ġiljan;

Illi l-attur kellu jibda x-xogħol sal-15 ta' Novembru, 1976 u kellu jispiċċah sa sitt xhur wara;

Illi l-attur ivvjola t-termini tal-kuntratt u kien inadempjenti;

Illi, anke indipendentement mit-terminu stipulat, l-attur kien jitnikker u kien jieqaf mix-xogħol għal żmien twil b'mod li kien qiegħed jesegwixxi l-kuntratt *in mala fede;*

Illi, meta l-konvenut ma setax jissapporti iktar id-dewmien ta' l-attur, hu kellu jxolji l-appalt u jqabbad lil ħaddieħor ħalli jispiċċa x-xogħol;

Illi l-konvenut kellu jħallas prezzijiet ogħla tax-xogħol u tal-materjal;

Illi sadanittant il-konvenut kien qed jgħix ġo fond mobilit bil-ħlas ta' ħamsa u għoxrin lira fix-xahar, u dan għaliex ma setax imur jabita fil-fond li hu kien inkarika lill-attur jibnilu;

Illi minħabba l-ħtija ta' l-attur il-konvenut sofra danni konsiderevoli li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża;

Talab li din il-Qorti:

(1) tiddikjara l-attur responsabbli għad-danni li sofra l-konvenut;

(2) tillikwida l-istess danni;

(3) tinnomina periti għall-finijiet tal-likwidazzjoni;

(4) tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenut dik is-somma li tiġi hekk illikwidata, bl-interessi skond il-liġi;

(5) tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż ta' l-istanza rikonvenzjonali;

L-attur ġie inġunt għas-subizzjoni";

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fis-7 ta' Settembru, 1981, li fiha l-imsemmi Anthony Formosa qal:

"(1) Illi l-attur dejjem esegwixxa l-kuntratt *in buona fede* u skond l-obbligi minnu assunti;

(2) Illi f'kull każ, il-partijiet kienu xoljew il-ftehim ta' bejniethom, u ma ftiehmu dwar jew irriservaw ebda danni għal dan ix-xoljiment, la fuq naħa u anqas fuq l-oħra";

Rat id-digriet tal-11 ta' Novembru, 1981, mogħti minn dina l-Qorti diversament ippresjeduta, li bih ġie nnominat perit biex

jirrelata dwar it-talba ta' l-attur, il-kontro-talba u l-eċċezzjonijiet relattivi;

Rat ir-relazzjoni maħlufa mill-imsemmi perit fl-10 ta' Ottubru, 1985, id-dokumenti magħha meħmuża u t-traskrizzjoni tax-xiehda mismugħa mill-istess perit;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-Avukati Albert Ganado u Austin Sammut għall-attur u lill-Avukati Anthony Farrugia Sacco u Joseph P. Bonnici għall-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-attur kien ġie mqabbad mill-konvenut biex jesegwixxi x-xogħol tal-ġebel fuq l-art imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Ġie miftieħem il-prezz u x-xogħol kellu jitlesta fi żmien sitt xhur mill-ftehim u ċjoè sal-15 ta' Mejju, 1979. Peress illi nqala' xi tilwim bejn il-partijiet, ix-xogħol twaqqaf; però l-attur ħalla fil-post xi armar sabiex ikun jista' jingħata s-saqaf u jsir xi taraġ. Meta mar biex jaqla' l-istess armar wara li sar ix-xogħol tas-saqaf, l-attur sab diversi oġġetti neqsin li għalihom qiegħed ifittex lill-konvenut. L-attur jgħid illi l-armar li naqaslu jiswa Lm400;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xiehda joħroġ illi sakemm dam biex joqgħod il-konkos tas-saqaf u tat-taraġ il-konvenut ħa ħsieb li jimbarra tieqa bil-ġebel u jipprovdi katnazz fir-rixtellu sabiex jimpedixxi d-dħul fil-fond u b'hekk jilqa' għall-ħsara u serq li setgħu jsiru.

B'danakollu l-bieb kien ġie sgassat u l-armar kien ġie meħud mill-post;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istat tal-provi ma jidhirx illi ġie ppruvat illi l-konvenut naqas illi jieħu ħsieb ħwejjeġ l-attur li kienu tħallew taħt il-pussess tiegħu;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirriżulta wkoll illi l-Perit Arthur Cutugno kien irrediġa kitba, intiża biex tpoġġi fini għat-tilwim bejn il-partijiet, li fiha l-attur aċċetta li jiġi maħlul il-ftehim li kellu mal-konvenut, li jitħallas tax-xogħol li kien laħaq għamel biss u li sakemm jingħata s-saqaf u t-taraġ l-armar li kellu ppreparat jibqa' fil-post; f'kondizzjoni oħra kien imnizzel illi l-attur ma kellu ''jeħel xejn tad-danni talli dam (domt) fix-xogħol''. Dina l-kitba ġiet iffirmata mill-attur biss. Il-konvenut però ma setax ma kienx jaf bil-kontenut tagħha; tant hu hekk illi, wara li l-attur mar biex jaqla' l-armar u wara li l-perit kien ħarġilhom il-kontijiet ta' bejniethom, l-istess konvenut ħallas lill-attur il-bilanċ minnu dovut bla ma għamel l-anqas l-iċken aċċenn għall-pretensjoni għad-danni kontra l-attur li huwa llum qiegħed iġib 'il quddiem bil-kontro-talba tiegħu. Minn dana ma jidhirx illi l-konvenut wasal biex jissustanzja bil-provi t-talbiet tiegħu;

Għal dawna l-motivi l-Qorti tiddisponi mill-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu u tiċħad il-kontro-talba tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu.